MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 711/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**
**VS**
**PHILIP MARIO CHIRCOP**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Philip Mario Chircop ta’ 32 sena, iben il-mejjet Publius u Doreen nee’ Abela, imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Mejju 1977, residenti Blk 3, Flt 1, Triq San Mikiel Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 134578(M);

Illi huwa akkuzat:

1. Talli nhar it-3 ta' Frar 2006, f'xi hin bejn it-8:00a.m. u t-3:15p.m., f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' diversi dehebijiet u oggetti ohra mill-fond 19, Flat 4C, Triq Mc. Iver Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Mary Rose Giorgio;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro (€1164);
4. Aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 24 ta' Gunju 2009 (fol.5 );

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Philip Mario Chricop**, hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza. Issib lil imputat mhux hati tat-tieni

akkuza li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikolu 261, 263, 264, 267, 269, 270, 325, 49, 289 tal-Kap. 9 u Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghdu taht Ordni tal-Probation ta’ tlett (3) snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qeda tigi akkordata in vista tal-ammissjoni bikrija w l-fatt li l-imputat hallas il-pendenzi kollha fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------